GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 8 ta' Novembru 2023 **Ref:** DELH 064/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u l-Iskejjel Primarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Inrawmu t-trabi jaqraw/*Nurturing the love of reading in babies***

---

Dn is-sena, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda toffri seminars bl-isem 'Inrawmu t-trabi jaqraw/*Nurturing the love of reading in babies*'. Dawn is-seminars huma bla ħlas u jsiru b'kollaborazzjoni ma' Parentcraft Malta.

Is-seminars huma ta' madwar siegħa u nofs, isiru fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun u online, u huma maħsuba għal ġenituri prospettivi. Jistgħu jattendu wkoll ġenituri ta' trabi li l-età tagħhom hija sa 8 xhur kif ukoll in-nanniet ta' trabi prospettivi jew trabi sa 8 xhur.

L-għan ta' dawn is-seminars huwa li jagħtu ideat u għajnuniet prattiċi dwar kif inkellmu lit-trabi u nlaqqgħuhom mal-kotba. Kull min jattendi jingħata pakkett ta' riżorsi b'xejn.

Kull min jixtieq aktar informazzjoni dwar is-seminars li jmiss jew jixtieq jattendi xi wieħed huwa mħeġġeġ iżur il-paġna ta' Facebook Aqra Miegħi/Read with me billi jagħfas fuq din il-ħolqa elettronika: https://www.facebook.com/readwithme.nla/ jew iċempel l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fuq 2598 2999 jew jibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**
**MEYR**